

Il-Ġurnal Uffiċjali C 271

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 59

26 ta' Lulju 2016

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2016/C 271/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.8113 — Thoma Bravo/Qlik Technologies) ⁽¹⁾	1
---------------	--	---

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2016/C 271/02	Deċizzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2016 li ġġedded il-Bord Amministrattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali	2
---------------	--	---

Il-Kummissjoni Ewropea

2016/C 271/03	Rata tal-kambju tal-euro	3
---------------	--------------------------------	---

MT

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

V Awżi

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2016/C 271/04	Sejħiet għal proposti u attivitajiet relatati taħt il-Programm ta' Ħidma ERC 2017 taħt Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)	4
---------------	--	---

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2016/C 271/05	Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel	5
---------------	---	---

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.8113 — Thoma Bravo/Qlik Technologies)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2016/C 271/01)

Fit-18 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32016M8113. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠJI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Lulju 2016

li ġġedded il-Bord Amministrattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali

(2016/C 271/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra n-nomina ppreżentata mill-Gvern Grieg,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjonijiet tiegħu tal-14 ta' Lulju 2015 ⁽²⁾ u tal-14 ta' Settembru 2015 ⁽³⁾, il-Kunsill ħatar il-membri tal-Bord Amministrattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-perijodu mit-18 ta' Settembru 2015 sas-17 ta' Settembru 2018.
- (2) Post ta' membru fuq il-Bord Amministrattiv taċ-Ċentru huwa disponibbli għall-Greċja fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-Gvern bħala riżultat tar-riżenja tas-Sur Dimitrios CHASAPIS.
- (3) Jenħtieġ li l-membri tal-Bord Amministrattiv taċ-Ċentru msemmi hawn fuq jinħatru għall-bqija tal-mandat attwali, li jiskadi fis-17 ta' Settembru 2018,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-persuna li gġejja hija b'dan maħtura membru tal-Bord Amministrattiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-bqija tal-mandat, li jiskadi fis-17 ta' Settembru 2018:

RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN:

IL-GREĠJA	Is-Sur Pafsanias PAPAGEORGIOU
-----------	-------------------------------

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata, għall-informazzjoni, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

P. KAŽIMÍR

⁽¹⁾ ĠUL 39, 13.2.1975, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 232, 16.7.2015, p. 2.

⁽³⁾ ĠU C 305, 16.9.2015, p. 2.

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

Il-25 ta' Lulju 2016

(2016/C 271/03)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,0982	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4465
JPY	Yen Ġappuniż	116,64	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,5190
DKK	Krona Daniża	7,4393	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,5709
GBP	Lira Sterlina	0,83670	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,4944
SEK	Krona Żvediża	9,5070	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 250,46
CHF	Frank Żvizzeru	1,0839	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	15,6755
ISK	Krona İzlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,3356
NOK	Krona Norveġiża	9,4102	HRK	Kuna Kroata	7,4853
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 426,50
CZK	Krona Ċeka	27,025	MYR	Ringgit Malażjan	4,4692
HUF	Forint Ungeriż	312,64	PHP	Peso Filippin	51,751
PLN	Zloty Pollakk	4,3578	RUB	Rouble Russu	71,2651
RON	Leu Rumun	4,4480	THB	Baht Tajlandiż	38,482
TRY	Lira Turka	3,3277	BRL	Real Brażiljan	3,5758
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4666	MXN	Peso Messikan	20,4059
			INR	Rupi Indjan	73,9624

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

(Avviżi)

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Sejħiet għal proposti u attivitajiet relatati taħt il-Programm ta' Ħidma ERC 2017 taħt Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)

(2016/C 271/04)

B'dan qiegħed jingħata avviż dwar it-tnedija ta' sejħiet għal proposti u attivitajiet relatati taħt il-Programm ta' Ħidma ERC 2017 taħt Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020).

Il-Kummissjoni adottat il-Programm ta' Ħidma ERC 2017 ⁽¹⁾ bid-Deċiżjoni C(2016) 4616 tal-25 ta' Lulju 2016.

Qed issir stedina għal proposti għal dawn is-sejħiet. Il-Programm ta' Ħidma ERC 2017, inklużi l-iskadenzi u l-baġits, huwa disponibbli permezz tas-sit elettroniku Portal tal-Parteċipanti flimkien mal-informazzjoni dwar il-modalitajiet tas-sejħiet u attivitajiet relatati u l-informazzjoni għall-applikanti dwar kif jiġu sottomessi l-proposti:

<http://ec.europa.eu/research/participants/portal/desktop/en/home.html>.

⁽¹⁾ http://ec.europa.eu/research/participants/data/ref/h2020/wp/2016_2017/erc/h2020-wp17-erc_en.pdf

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(2016/C 271/05)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt li wieħed jopponi għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA MHUX MINURI GĦALL-ISPEĊIFIKAZZJONI TAL-PRODOTT TA' DENOMINAZZJONI TAL-ORIĠINI PROTETTA JEW TA' INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA PROTETTA

Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

“POMODORO DI PACHINO”

Nru tal-UE: PGI-IT-02131 — 5.4.2016

DOP () IĠP (X)

1. Grupp applikant u interess leġittimu

Consorzio di Tutela dell'IGP Pomodoro di Pachino

Indirizz: Via Nuova sn
96018 Marzamemi (SR)
ITALIA

Tel. +39 0931595106
Fax +39 0931595106
Posta elettronika: segreteria@igppachino.it

Il-“Consorzio di Tutela dell'IĠP Pomodoro di Pachino” (il-Konsorzju għall-ħarsien tal-IĠP) huwa intitolat li jressaq applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 13(1) tad-Digriet Nru 12511 tal-14 ta' Ottubru 2013 tal-Ministeru tal-Politika tal-Agrikoltura, tal-Ikel u tal-Forestrija.

2. Stat Membru jew Pajjiż Terz

L-Italja

3. Titlu fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwat mill-emenda

- Isem tal-prodott
- Deskrizzjoni tal-prodott
- Żona ġeografika
- Prova tal-oriġini
- Metodu tal-produzzjoni
- Rabta
- Tikkettar
- Oħrajn: Referenza ġuridika aġġornata

4. Tip ta' emenda

- Emenda għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew IĠP irreġistrata li ma għandhiex tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

⁽¹⁾ ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

- Emenda għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' DOP jew IĠP irreġistrata li għaliha ma jkun ġie rreġistrat l-ebda Dokument Uniku (jew ekwivalenti) u li ma għandhiex tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

5. **Emenda/emendi**

Deskrizzjoni tal-prodott

L-Artikolu 2 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

1. Is-sentenza:

“Pomodoro di Pachino IĠP jinkludi t-tipi li ġejjin:

- tond lixx;
- miċ-ċatt;
- ċkejken (jew cherry)”

għandha tinbidel kif ġej:

“Pomodoro di Pachino IĠP jinkludi t-tipi li ġejjin:

- tond lixx;
- miċ-ċatt;
- ċkejken (jew cherry);
- għanbaqra u għanbaqra ċkejka (plum u miniplum)”

L-Artikolu 2 ġie emendat biż-żieda ta' tip ġdid ta' frota: tadama għanbaqra u tadama għanbaqra ċkejka. Dan huwa tip ta' tadam f'għenieqed tajjeb għaż-żlazi u l-insalati mħalltin; il-frotta hija tawwalija u għandha forma li tixbah dik tat-tamal jew tal-għanbaqra. Il-piż ta' frota individwali jvarja bejn 15 u 35 gramma, skont il-varjetà.

Il-produtturi talbu li tiżdied it-tadama tat-tip għanbaqra u għanbaqra ċkejka sabiex ma ssirx diskriminazzjoni kontra l-bdiewa li jinsabu fiż-żona ta' produzzjoni tal-Pomodoro di Pachino IĠP li ġiet identifikata bħala “Żona Ġeografika delimitata”.

It-tadama tat-tip għanbaqra u għanbaqra ċkejka ilha titkabbar mis-snin tmenin, għalkemm fi kwantitajiet żgħar, u bħat-tliet tipi ta' tadam ċkejken (jew cherry), it-tadam miċ-ċatt u t-tadam tond lixx, għandha l-istess karatteristiċi pożittivi tal-produzzjoni ta' din iż-żona ġeografika.

Minħabba l-popolarità tagħha fis-suq, it-tadama tat-tip għanbaqra u għanbaqra ċkejka llum il-ġurnata laqet sehem konsiderevoli ta' produzzjoni, daqs dik tat-tipi l-oħra ta' tadam Pachino bil-marka IĠP. Biż-żieda tad-tadama tat-tip għanbaqra u għanbaqra ċkejka l-prodott jiġi protett billi ssir ir-rabta maż-żona ta' produzzjoni u jitjeb l-isem IĠP peress li l-konsumatur ikollu garanzija dwar l-oriġini tal-prodott.

Għaldaqstant qed tintalab emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u tad-Dokument Uniku.

Metodu tal-produzzjoni

L-Artikolu 4 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

2. Is-sentenza:

“— it-tixtil mill-ġdid isir bejn Awwissu u Frar, għajr għat-tadama tat-tip ċkejken (cherry) li jsir is-sena kollha;”

għandha tinbidel kif ġej:

“— it-tixtil mill-ġdid isir bejn Awwissu u Frar, għajr għat-tadama tat-tip ċkejken (cherry) u tat-tip għanbaqra u għanbaqra ċkejka li jsir is-sena kollha;”

3. Is-sentenza:

“Il-produzzjoni massima għall-isem IĠP ‘Pomodoro di Pachino’ ma tistax taqbeż il-kwantitajiet li ġejjin skont it-tip:

- tadama tonda lixxa: 120 tunnellata għal kull ettaru;
- tadama miċ-ċatti: 90 tunnellata għal kull ettaru;
- tadama ċkejka (cherry): 70 tunnellata għal kull ettaru;”

għandha tinbidel kif ġej:

“Il-produzzjoni massima għall-isem IĠP ‘Pomodoro di Pachino’ ma tistax taqbeż il-kwantitajiet li ġejjin skont it-tip:

- tadama tonda lixxa: 120 tunnellata għal kull ettaru;
- tadama miċ-ċatti: 90 tunnellata għal kull ettaru;
- tadama ċkejtna (cherry): 70 tunnellata għal kull ettaru;
- tadama tat-tip għanbaqra u għanbaqra ċkejtna: 90 tunnellata għal kull ettaru;”

Għaldaqstant l-Artikolu 4 għandu jiġi emendat wara li jiżdied tip ġdid ta’ tadama biex fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott jiġi indikat it-tħawwil mill-ġdid u l-ammonti massimi ta’ produzzjoni.

It-tadama tat-tip għanbaqra u għanbaqra ċkejtna tibqa’ tipproduċi frott ta’ kwalità għolja anki sa 90 tunnellata kull ettaru, u bħal fil-każ tat-tadama ċkejtna (cherry), tista’ tixxettel mill-ġdid is-sena kollha.

Oħrajn [Referenza ġuridika aġġornata]

Ir-referenzi għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ⁽¹⁾ ġew aġġornati bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

DOKUMENT UNIKU

“POMODORO DI PACHINO”

Nru tal-UE: PGI-IT-02131 — 5.4.2016

DOP () IĠP (X)

1. Isem

“Pomodoro di Pachino”

2. Stat Membru jew Pajjiż Terz

L-Italja

3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel

3.1. Tip ta’ prodott

Klassi 1.6. Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati

3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt 1

L-indikazzjoni ġeografika protetta “Pomodoro di Pachino” IĠP tirreferi għal tadam frisk imkabbar fiż-żona definita, li jikkorrispondi għall-ispeċi botanika *Lycopersicon esculentum* Mill.

Il-“Pomodoro di Pachino” IĠP jinkludi t-tipi li ġejjin:

- tond lixx,
- ċatt,
- ċkejken (jew cherry)
- għanbaqra u għanbaqra ċkejtna

Il-karatteristiċi ewlenin tal-“Pomodoro di Pachino” huma li ġejjin:

- polpa soda,
- kavità tal-plaċenta żgħira,
- kontenut għoli ta’ sukrożju, imkejjel abbażi ta’ kwantità ta’ solidi li jinħallu ta’ livell ogħla minn Brix 4,5.

Il-frott irid ikun ġej mill-kategoriji ta’ prodotti tas-suq “extra” u “primi” u jrid ikun:

- sħiħ,
- frisk fid-dehra,

⁽¹⁾ ĠUL 335M, 13.12.2008, p. 213.

- f'kundizzjoni tajba (mhux aċċettat frott li jkun beda jitrangat jew jiddeterjora u għalhekk m'għadux tajjeb għall-konsum),
- nadif, mingħajr materjal barrani viżibbli,
- mingħajr irwejjaħ u/jew toġhmiet barranin.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

—

3.4. *Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Il-kultivazzjoni tal-“Pomodoro di Pachino” trid isseħħ fiż-żona ġeografika definita, f'ambjent protett (serer u/jew mini mgħottija b'rita tal-polietilen jew kopertura oħra); meta l-kultivazzjoni ssir fis-sajf ix-xtieli jistgħu jkunu protetti bi strutturi adattati miksija bi xbieki ta' l-qugħ kontra l-insetti.

Mhix permessal-kultivazzjoni barra mill-ħamrija.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigh, it-takkik, l-ippakkjar, eċċ.*

Il-“Pomodoro di Pachino” IĠP jista' jitqiegħed f'pakketti fl-impriża agrikola jew f'post tal-imballaġġ adattat, l-istess jum li jinġabar.

Il-ġbir u l-imballaġġ iridu jseħħu f'faċilitajiet li jinsabu ġewwa t-territorji tal-muniċipalitajiet li jagħmlu parti, anke parzjalment, miż-żona tal-produzzjoni. L-imballaġġ irid isseħħ fiż-żona sabiex jiġi evitat it-telf fl-istadju tat-tqiegħid fis-suq minħabba l-ħsara fil-qoxra tat-tadama li tista' twassal għall-moffa u li minħabba fiha l-prodott ma jinbiegħx.

Il-“Pomodoro di Pachino” IĠP li jkun se jitqiegħed fis-suq irid ikun f'imballaġġ ġdid ta' tipi varji, li jista' jintuża darba biss, u li ma jistax jaqbeż l-10 kg, kif jippermettu r-regoli fis-seħħ.

Il-kopertura tal-imballaġġ trid tkun tat-tip li t-tadam ma jistax jinħareġ minnha mingħajr ma tiċċarrat. Il-prodott jista' wkoll jitqiegħed fis-suq f'imballaġġ miftuħ sakemm il-frott individwali jkun identifikat b'tikketti li jeħlu li juru l-logo Pomodoro di Pachino IĠP.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott li jirreferi għalih l-isem irreġistrat*

Dawn li ġejjin iridu jidhru fuq l-imballaġġ:

- il-logo distintiv muri hawn taħt:



- l-isem tal-imballaġġatur u/jew tat-trasportatur,
- il-karatteristiċi kummerċjali: it-tip, il-kategorija, il-piż tal-imballaġġ,
- il-kliem: pomodoro prodotto in coltura protetta (tadam prodott suġġett għal indikazzjoni ġeografika protetta),
- is-simbolu tal-Unjoni.

4. **Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

It-tadam “Pomodoro di Pachino” jikber fiż-żona li tinkludi l-muniċipalitajiet intiera ta' Pachino u Portopalo di Capo Passero u parti mill-muniċipalitajiet ta' Noto (Provinċja ta' Sirakuża) u Ispica (Provinċja ta' Ragusa), li jinsabu fix-Xlokk ta' Sqallija.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

Ir-reġjun fejn jikber it-tadam “Pomodoro di Pachino” għandu l-ogħla temperatura fl-Ewropa kontinentali matul is-sena, fuq medja, u jieħu l-ikbar ammont ta' radjazzjoni solari (id-dejta ġiet ipprovduta mis-satelliti Land sat u Meteosat). Il-fatt li l-baħar huwa viċin ifisser li l-klima taż-żona hija medja u l-ġlata tar-rebbiegħa u l-ħarifa hija rari.

Dawn il-fatturi flimkien mal-kwalità tal-ilma użat għall-irrigazzjoni, fejn il-livell ta' salinità jvarja bejn 1 500 sa 10 000 $\mu\text{S}/\text{cm}$, iddeterminaw l-iżvilupp tal-uċuħ tar-raba' tas-serer, u kienu fattur deċisiv dwar liema wċuħ tar-raba' setgħu jutilizzaw il-produtturi fiż-żona u fl-istess ħin ukoll għall-kwalitajiet organolettiċi distintivi tal-“Pomodoro di Pachino”.

Il-karatteristika li stabbilixxit ir-reputazzjoni tal-“Pomodoro di Pachino” kienet il-maturazzjoni bikrija tiegħu, li għet osservata mill-bdiewa lokali meta nżera' għall-ewwel darba. Il-karatteristiċi addizzjonali li ġew rikonoxxuti matul iż-żmien mill-konsumatur, bħat-togħma, il-konsistenza tal-polpa, kemm ileqq il-frott u kemm jibqa' tajjeb fit-tul wara l-ħsad, kienu tali, li stabbilixxew il-“Pomodoro di Pachino” fis-suq.

It-tadama hija l-prodott tipiku fl-ortikultura ta' Pachino. It-tadam għe kkultivat għall-ewwel darba fl-1925 f'impriżi agrikoli li jinsabu max-xatt u li għandhom provvista tal-ilma għall-irrigazzjoni mill-bjar ta' taħt l-art.

L-esperjenza bikrija turi li t-tadam li tkabbar f'din iż-żona kien lest għall-ħsad xi 15-20 jum iktar kmieni minn żoni oħrajn tal-produzzjoni.

Madankollu, l-interess fit-tkabbir ta' din il-pjanta kien limitat minħabba l-kultivazzjoni mifruxa ħafna tad-dwieli. Madwar is-snin ħamsin, il-kultivazzjoni tat-tadam għet estiża għal żona ħafna ikbar iżda li tinsab dejjem max-xatt, fejn intużaw tekniki għat-trobbija u l-protezzjoni tal-uċuħ tar-raba' fl-istadji tal-bidu. L-ambjent taż-żona kostali, minkejja l-kundizzjonijiet termometriċi favorevoli, huwa suxxettibbli għal bidliet kbar f'daqqa fit-termperatura bejn il-lejl u n-nhar, liema bidliet okkażjonalment kienu responsabbli għall-qerda ta' kultivazzjonijiet ortikoli sħaħ.

L-iżjed mezz mifrux ta' protezzjoni kienet l-għata individwali għall-pjanti individwali magħmula mill-weraq ċatt tal-bajtar tax-xewk jew tisqif jew ghotin multipli li jikkonsistu minn tessuti meħjutin bix-xliet u l-wajer tal-ħadid u li jserrħu fuq il-qasab. Fil-bidu tas-sittinijiet deħru l-ewwel serer li kienu jikkonsistu minn strutturi tal-qasab koperti b'rita tal-poliētilen. Fis-snin sussegwenti l-istrutturi tas-serer bdew isiru dejjem iżjed sodi fejn il-qasab għe sostitwit minn stiekek tal-injam tal-qastan u qafas tal-injam tal-abjad. It-tkabbir protett tal-uċuħ tar-raba' huwa għal-hekk ir-riżultat ta' proċess ta' żvilupp li beda f'mod sempliċi u kważi naturali biex seħħu l-kultivazzjoni u l-ħsad tat-tadam.

Il-problemi serji li ffaċċat il-vitikultura fis-sebgħinijiet wasslu biex f'ħafna żoni saret bidla rapida għall-kultivazzjoni fis-serer u l-istabbiliment tal-ewwel assoċjazzjonijiet li bdew t-tqegħid fis-suq ta' prodott bl-isem taż-żona tal-orġini “Pachino”.

It-tekniki tat-tkabbir tjiebu permezz tal-użu ta' sistemi moderni ta' irrigazzjoni lokalizzata u beda jiddied l-użu tas-serer tal-metall galvanizzat.

Għalhekk, matul iż-żmien il-“Pomodoro di Pachino” sar rinomat fis-swieq nazzjonali u barranin minħabba l-karatteristiċi kwalitattivi distinti tiegħu.

Il-kundizzjonijiet partikolari tal-ħamrija u tal-klima fiż-żona ta' produzzjoni jiffurmaw dawn il-karatteristiċi kwalitattivi fil-prodott li flimkien mat-tekniki ta' produzzjoni adottati mill-produtturi jipproduċu din il-pjanta tipika taż-żona ġeografika.

Il-kwalitajiet tat-tadam “Pomodoro di Pachino” huma marbuta mal-karatteristiċi intrinziċi, li jiddistingwuh: it-togħma tiegħu, il-konsistenza tal-polpa, kemm ileqq il-frott u kemm idum tajjeb wara l-ħsad; dawn il-kwalitajiet kollha huma apprezzati mill-konsumatur meta jixtri l-Pomodoro di Pachino fis-suq, li minħabba fihom it-tadam għandu reputazzjoni kemm fl-Italja kif ukoll barra mill-Italja.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

Il-Ministeru nieda l-proċedura ta' oġġezzjoni nazzjonali bil-pubblikazzjoni tal-proposta għar-rikonoxximent tad-DOP “Pomodoro di Pachino” fil-*Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Taljana* Nru 40 tad-19 ta' Frar 2016.

It-test sħiħ tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott jinsab fuq is-sit tal-Internet li ġej:
<http://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/3335>

jew:

billi żżur il-paġna uffiċjali tal-Ministeru tal-Politika Agrikola, Alimentari u l-Forestrija (www.politicheagricole.it) u tagħfas fuq “Prodotti DOP e IĠP” (fin-naħa ta' fuq fil-lemin tal-iskrin), u wara fuq “Prodotti DOP, IĠP e STG” (fil-ġenb, fuq in-naħa tax-xellug tal-iskrin) u fl-aħħar tagħfas fuq “Disciplinari di produzione all'esame dell'UE”.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT